# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/4

**tat-18 ta' Diċembru 2017**

**dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-punt (b) tal-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ([3]), iffirmat fil-25 ta' Lulju 2007, emenda l-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE sabiex mal-lista tal-lingwi tal-Ftehim ŻEE jiżdiedu l-Bulgaru u r-Rumen.

(3) Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea ([4]) ("il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014"), iffirmat fil-11 ta' April 2014, emenda l-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE sabiex mal-lista ta' lingwi tal-Ftehim ŻEE jiżdied il-Kroat.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, li ġew adottati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 tat-8 ta' Frar 1994 ([5]) u emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 24/2005 tat-8 ta' Frar 2005 ([6]), jiġu emendati skont dan.

(5) Il-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014 ilu japplika proviżorjament għall-firmatarji tiegħu mit-12 ta' April 2014, u jenħtieġ li għaldaqstant id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tapplika proviżorjament sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014.

(6) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz mehmuż tad-deċiżjonijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tar-regoli ta' proċedura għall-Ftehim Konġunt taż-ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) ĠU L 221, 25.8.2007, p. 15.
([4]) ĠU L 170, 11.6.2014, p. 18.
([5]) ĠU L 85, 30.3.1994, p. 60.
([6]) ĠU L 161, 23.6.2005, p. 54.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. SIMSON

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …/2017**

**ta' …**

**li temenda r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 92(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), iffirmat fil-25 ta' Lulju 2007, emenda l-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE sabiex mal-lista tal-lingwi tal-Ftehim ŻEE jiżdiedu l-Bulgaru u r-Rumen.

(2) Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea daħal fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2011.

(3) Fir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, li ġew adottati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 tat-8 ta' Frar 1994 ([2]) u emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 24/2005 tat-8 ta' Frar 2005 ([3]), jenħtieġ li l-Bulgaru u r-Rumen jiżdiedu mal-lista tal-lingwi. Konsegwentement, jenħtieġ li l-lista tal-lingwi għar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għaldaqstant tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 hija emendata kif ġej:

1. It-test tal-Artikolu 6(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "It-testi tal-atti tal-KE li jkunu integrati fl-Annessi tal-Ftehim skont l-Artikolu 102(1) huma ugwalment awtentiċi bil-Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan u Ungeriżkif ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dawn għandhom jitfasslu bl-Iżlandiż u n-Norveġiż u għandhom ikunu awtentikati mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE flimkien mad-deċiżjonijiet rilevanti msemmija fil-paragrafu 1.";

2. It-test tal-Artikolu 11(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jemendaw l-Annessi jew il-Protokolli għall-Ftehim għandhom jiġu ppubblikati bil-Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan u Ungeriż fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fl-Iżlandiż u n-Norveġiż fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 221, 25.8.2007, p. 15.
([2]) ĠU L 85, 30.3.1994, p. 60.
([3]) ĠU L 161, 23.6.2005, p. 54.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …/2017**

**ta' …**

**li temenda r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 92(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea [1] ("Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014") iffirmat fil-11 ta' April 2014, għandu jemenda l-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE sabiex mal-lista tal-lingwi tal-Ftehim ŻEE jiżdied il-Kroat.

(2) Fir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, li ġew adottati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 tat-8 ta' Frar 1994 [2], emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 24/2005 tat-8 ta' Frar 2005 [3], u emendati ulterjorment bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru […] ta' […] [4], jenħtieġ li l-Kroat jiżdied mal-lista tal-lingwi. Konsegwentement, jenħtieġ li l-lista tal-lingwi tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(3) Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014 għall-firmatarji tiegħu ilu japplika proviżjorjament mit-12 ta' April 2014, u din id-Deċiżjoni għalhekk tapplika proviżorjament sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 hija emendata kif ġej:

1. It-test tal-Artikolu 6(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "It-testi tal-atti tal-KE li jkunu integrati fl-Annessi tal-Ftehim skont l-Artikolu 102(1) huma ugwalment awtentiċi fil-Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Kroat, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan u Ungeriż kif ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dawn għandhom jitfasslu fl-Iżlandiż u n-Norveġiż u għandhom ikunu awtentikati mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE flimkien mad-deċiżjonijiet rilevanti msemmija fil-paragrafu 1.";

2. It-test tal-Artikolu 11(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jemendaw l-Annessi jew il-Protokolli għall-Ftehim jiġu ppubblikati bil-Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Kroat, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan u Ungeriż fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fl-Iżlandiż u n-Norveġiż fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014, skont liema data tkun l-iżjed tard.

Għandha tapplika proviżorjament mit-12 ta' April 2014.

[1] ĠU L 170, 11.6.2014, p. 18.
[2] ĠU L 85, 30.3.1994, p. 60.
[3] ĠU L 161, 23.6.2005, p. 54.
[4] ĠU L …

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*